MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2006

Appell Civili Numru. 2540/2000/1

**Fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 210/00 fl-ismijiet:**

**Philip Fenech, Frank Cilia, Brian Tonna u Mario Sant**

**v.**

**A&R Mercieca Limited u Alexander Mercieca f'ismu proprju**

**Il-Qorti:**

Dan huwa appell minn digriet moghti fid-29 ta’ Ottubru, 2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili li cahdet talba ta’ l-intimati s-socjeta` A&R Mercieca Limited u Alexander Mercieca f’ismu proprju sabiex, in vista tal-mandat ta’ inibizzjoni mahrug kontra l-istess rikorrenti mill-intimati, ghar-ragunijiet hemm moghtija, dik il-Qorti tiffissa garanzija xierqa skond ic-cirkostanzi li ghandha tinghata lill-kumpanija rikorrenti mill-intimati Fenech (sic!) f’dak it-terminu li dik il-Qorti joghgobha tipprefiggi u fin-nuqqas li tinghata dil-garanzija, tirrevoka l-att kawtelatorju premess.

Illi in vista tas-sentenza moghtija llum stess fil-kawza fl-ismijiet “Philip Fenech et vs A&R Mercieca Ltd” (Citaz. Nurmu 236/00) il-mandat ta’ inibizzjoni hawn fuq imsemmi ma ghadux in vigore u ghalhekk ma hemmx il-htiega li dan l-appell jigi kunsidrat ulterjorment. Konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar tieghu, b’dana li tirrevoka dik il-parti tad-digriet koncernanti l-ispejjez, billi tordna li, ghar-ragunijiet moghtija fis-sentenza fil-kawza Citazzjoni Numru 236/00, l-ispejjez kollha konnessi ma’ dawn il-proceduri, sew in prim istanza kif ukoll fl-istadju ta’ l-appell, ghandhom jigu sopportati mill-appellati Philip Fenech, Frank Cilia, Brian Tonna u Mario Sant solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------